





## Informazzjoni ta' Mario Fenech

# Il-Knisja ta' San Pietru f'Ħal Lija

*"Dawn is-sorijiet [Dumnikani] għandhom id-dar tagħhom biswiet il-Knisja u jagħmlu minn kollox din tinżamm fi stat tajjeb, ma jkun jonqosha xejn, u tintuża regolarment."*

Waħda mill-Knejjes iż-żgħar li niltaqgħu magħhom fil-lokalità ta' Ħal Lija hija dik iddedikata lill-San Pietru. Din il-Knisja inbniet fis-sena 1728 minflok oħra li kien hemm qabilha eżattament fl-istess post.

Il-Knisja l-qadima tissemma fir-rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel f'Ħal Lija il-Monsinjur Dużina fl-1575. Dakinhar kien jieħu ħsiebha ċertu Theramus Vassallo. Terġa' tissemma fir-rapport tal-Vista Pastorali oħra li kien għamel l-Isqof Cagliuares fl-1615. Jidher li dak iż-żmien il-Knisja ma' tantx kienet fi stat tajjeb, għaliex l-istess Isqof Cagliares kien ipprofanha. Kellu jkun Dun Zakkarija Sammut li daħal għall-biċċa xogħol iebsa li jirranġa lill din il-Knisja mill-ġdid.



*Il-Knisja ta' San Pietru f'Ħal Lija*

Maż-żmien bdew isiru Opri Sagri artistiċi sbieħ fil-Knisja. Sar il-kwadru titulari li jingħad li huwa xogħol tal-artist magħruf Francesco Zahra. F'dan il-kwadru l-artist penġa lill-Missier Etern qiegħed jagħti l-imfietaħ tal-Knisja lil San Pietru filwaqt li dan qiegħed imdawwar b'numru ta' Appostli.

Żewġ kwadri oħra li hemm fil-Knisja huma xi ftit inferfjuri fil-kwalità tagħhom ħdejn ix-xogħol li fih il-kwadru titiulari. Dawn naraw fihom lil Ġuditta qiegħda żżomm f'idejha ras Olaforne, filwaqt li fil-kwadru l-ieħor hemm ix-xena tal-Qtil tal-Innoċenti. X'aktarx li dawn iż-żewġ Kwadri kienu f'xi Knisja oħra qabel ma tpoġġew f'din il-Knisja peress li s-suġġett tagħhom ma jaqbel xejn ma dak tat-titular.

Minn barra il-Knisja għandha derha sabiħa u eleganti. Fuq il-bieb hemm tieqa tonda bid-dawra tagħha imżejna bi skultura sabiħa fil-ġebla. Fuq il-faċċata hemm fontisipizju ddekorat ukoll, filwaqt li l-koppla tinfirex fuq is-saqaf kollu tal-Knisja.

Ftit 'l isfel mill-Knisja f'nofs it-triq fuq pedistall taql-ġebel hemm statwa ta' San Pawl li tnaqqxet fil-ġebel mil-Iskultur Salvatore Dimech.

Il-Knisja ilha titmexxa mis-sorijiet Dumnikani mis-sena 1916. Dawn is-sorijiet għandhom id-dar tagħhom biswit il-Knisja u jagħmlu minn kollox biex din tinżamm fi stat tajjeb, ma jkun jonqosha xejn, u tintuża regolarment.

Il-Festa t-Tajba lill-Kulħadd!